REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 382/2011

tat-18 ta' April 2011

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti ["Kiełbasa myśliwska" (STG)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, l-applikazzjoni mressqa mill-Polonja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Kiełbasa myśliwska" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Il-Kummissjoni ġiet innotifikata b'dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, immotivata skont l-Artikolu 9(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006. B'ittra tas-27 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jibdew il-konsultazzjonijiet rilevanti.

(3) Ladarba ntlaħaq ftehim fi żmien sitt xhur mingħajr modifiki tal-elementi ppubblikati skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(2), il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni.

(4) Fid-dawl ta' dawn l-elementi, id-denominazzjoni msemmija għandha għaldaqstant tkun irreġistrata.

(5) Ma ntalbitx il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
[2] ĠU C 160, 14.7.2009, p. 12.

ANNESS

Prodotti tal-Anness I għat-Trattat maħsuba għall-konsum mill-bniedem:

Il-klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.)

IL-POLONJA

Kiełbasa myśliwska (STG)